Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 18,082, 29 ta' Mejju, 2007
Taqsima B

A.L. 142 ta' l-2007

ATT DWAR IL-KUMMERĊ TA' L-ASSIGURAZZJONI (KAP. 403)

Regolamenti ta' l-2007 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Kummerċ ta' l-Assigurazzjoni (Penalitajiet Għal Reati u Infrazzjonijiet)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 67 ta' l-Att dwar il-Kummerċ ta' l-Assigurazzjoni, il-Prim Ministru u Ministru tal-Finanzi, wara konsultazzjoni ma' l-Awtorita` għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti ta' l-2007 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Kummerċ ta' l-Assigurazzjoni (Penalitajiet Għal Reati u Infrazzjonijiet), u dawn għandhom jinqraw u jiftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti ta' l-2000 dwar il-Kummerċ ta' l-Assigurazzjoni (Penalitajiet Għal Reati u Infrazzjonijiet), hawnhekk izjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali".

A.L. 100 ta' l-2000.

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jibdew iseħħu fl-1 ta' Gunju, 2007.

Jemenda r-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali.

2. Ir-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) it-tifsira "direttiva dwar l-assigurazzjoni" għandha titħassar; u

(b) minnufih wara t-tifsira "penali tal-qorti" għandhom jidħlu dawn it-tifsiriet ġodda li ġejjin:

" "regola dwar l-assigurazzjoni"għandha l-istess tifsira kif mogħti lilha bl-artikolu 2 ta' l-Att dwar il-Kummerċ ta' l-Assigurazzjoni;

"Skeda" tfisser xi skeda li tinsab ma' dawn ir-regolamenti;" .

Jemenda regolament 3 tar-regolamenti prinċipali.

3. Fis-subregolament (2) tar-regolament 3 tar-regolamenti prinċipali, il-kliem "jew kemm dik il-multa kif ukoll dik il-priġunerija" għandhom jitħassru.

Jissostitwixxi t-Tieni, it-Tielet u r-Raba' Skedi li jinsabu mar-regolamenti prinċipali.

4. Minflok it-Tieni, it-Tielet u r-Raba' Skedi li jinsabu mar-regolamenti prinċipali, għandu jidħol dan li ġej:

“IT-TIENI SKEDA

(Regolament 3)

Penalitajiet amministrattivi li jistgħu jiġu mwaħħla mill-Awtorita`
mingħajr il-ħtieġa ta’ attendenza fil-qorti

L-Ewwel Kolonna	It-Tieni Kolonna	It-Tielet Kolonna
Livell	Penali	Penali ta’ kuljum
1	mhux inqas minn Lm50 iżda mhux aktar minn Lm250	mhux inqas minn Lm5 iżda mhux aktar minn Lm15
2	mhux inqas minn Lm100 iżda mhux aktar minn Lm1,000	mhux inqas minn Lm10 iżda mhux aktar minn Lm30
3	mhux inqas minn Lm1,000 iżda mhux aktar minn Lm40,000	mhux inqas minn Lm20 iżda mhux aktar minn Lm50.

IT-TIELET SKEDA

(Regolament 4)

Penalitajiet tal-Qorti

L-Ewwel Kolonna Artikolu	It-Tieni Kolonna Reat	It-Tielet Kolonna Livell ta' penali
67(1) b'riferenza għal 6(1)	Tmexxi l-kummerċ ta' l-assigurazzjoni f'Malta jew minn Malta mingħajr awtorizzazzjoni	2
67(1) b'riferenza għal 6(2)	Tmexxi l-kummerċ ta' l-assigurazzjoni f'pajjiż jew minn pajjiż barra minn Malta mingħajr awtorizzazzjoni	2
67(1) b'riferenza għal 10(3)	Tiftaħ xi fergħa jew aġenzija, jew tistabbilixxi jew takkwista xi sussidjarja f'xi pajjiż barra minn Malta mingħajr il-kunsens ta` l-Awtorita`	2
67(1) b'riferenza għal 11(1)(ċ)	Nuqqas minn kumpannija li żżomm f'Malta f'kull żmien attiv ta' dik ix-xorta u ammont li jista' jiġi preskritt jew stabbilit skond ir-regolamenti magħmula għall-finijiet ta' l-Att	2
67(1) b'riferenza għal 14(1)	Nuqqas minn kumpannija li żżomm marġini ta' solvibbilta' jew marġini ta' solvibbilta' fl-ammont meħtieġ	2
67(1) b'riferenza għal 25	Tmexxi l-kummerċ ta' l-assigurazzjoni meta l-awtorizzazzjoni tiġi awtomatikament revokata	2
67(1) b'riferenza għal 26	Tmexxi l-kummerċ ta' l-assigurazzjoni meta l-awtorizzazzjoni tiġi sospiża jew revokata	3
67(1) b'riferenza għal 29(1)	Nuqqas minn kumpannija li tagħti lill-Awtorita` t-tagħrif jew dokumentazzjoni kif meħtieġ; jew it-tagħrif jew dokumentazzjoni verifikata bil-mod kif speċifikat; jew li tidher quddiem l-Awtorita`, jew quddiem xi persuna maħtura lill-Awtorita`, biex twieġeb mistoqsijiet u tagħti tagħrif jew tippreżenta dokumentazzjoni kif meħtieġ	1

L-Ewwel Kolonna	It-Tieni Kolonna	It-Tielet Kolonna
Artikolu	Reat	Livell ta' penali
67(1) b'riferenza għal 29(3)	Nuqqas minn kumpannija li tiżvela lill-Awtorita` fejn ikun jinsab it-tagħrif jew id-dokumentazzjoni meħtieġa li ma jkunux fil-pussess tal-kumpannija; nuqqas minn persuna li tagħti lill-Awtorita` t-tagħrif jew tippreżenta d-dokumentazzjoni li jkollha fil-pussess tagħha	1
67(1) b'riferenza għal 30(4)	Nuqqas minn uffiċjal jew aġent ta' kumpannija li jipproduċi lil spettur id-dokumenti tal-kumpannija, jew li jirreferu għaliha; jew li jagħti lil spettur kull għajnuna dwar l-istħarriġ li jagħmel dwar l-affarijiet tal-kumpannija	1
67(1) b'riferenza għal 31	Nuqqas minn persuna li tagħti għajnuna lill-Awtorita` li tidħol u tagħmel tfittxija f'post biex tikseb tagħrif u dokumentazzjoni	1
67(1) b'riferenza għal 33(1)	Tittrasferixxi d-drittijiet u l-obbligi ta' kumpannija taħt poloz ta' kummerċ ġenerali, jew poloz ta' kummerċ ġenerali ta' xi deskrizzjoni, mingħajr l-approvazzjoni ta` l-Awtorita`	2
67(1) b'riferenza għal 35(1)	Tittrasferixxi l-kummerċ fit-tul ta' kumpannija, kollu kemm hu jew parti minnu, mingħajr l-approvazzjoni tat-Tribunal għal Servizzi Finanzjarji	2
67(1) b'riferenza għal 38(1)	Nuqqas minn persuna li tikseb bil-miktub il-kunsens ta' l-Awtorita` biex takkwista, tkabbar, tnaqqas jew tirrinunzja *holding* ta' azzjonijiet f'kumpannija awtorizzata	1
67(1) b'riferenza għal 38(4)	Nuqqas minn kumpannija u mid-diretturi tagħha li javżaw lill-Awtorita` li xi persuna tkun bi ħsiebha takkwista, tkabbar, tnaqqas jew tirrinunzja *holding* kwalifikattiv ta' azzjonijiet fil-kumpannija	1
67(1) b'riferenza għal 38(6)	Nuqqas minn diretturi u azzjonisti kwalifikanti ta' kumpannija awtorizzata li javżaw lill-Awtorita` meta l-kumpannija tkun bi ħsiebha li tingħaqad ma' xi kumpannija oħra, jew li tagħmel riskostruzzjoni jew qasma, jew li żżid jew tnaqqas il-kapital azzjonarju tagħha nominali jew maħruġ, jew li tagħmel xi bidla materjali fil-jeddijiet tal-votazzjoni	1

L- Ewwel Kolonna	It-Tieni Kolonna	It-Tielet Kolonna
Artikolu	Reat	Livell ta' penali
67(1) b'riferenza għal 38(7)	Nuqqas minn persuna li tkun bi ħsiebha tieħu xi wieħed mill-passi msemmija fl-artikolu 38(1), jew minn kumpannija li tkun bi ħsiebha tieħu xi wieħed mill-passi msemmija fl-artikolu 38(5) skond ħekk; jew li tagħti t-tagħrif meħtieġ li jingħata skond kif jista' jiġi determinat b'regola dwar l-assigurazzjoni magħmula għall-fini ta' l-artikolu 38	2
67(1) b'riferenza għal 41(2)	Nuqqas minn kumpannija li tħares il-projbizzjoni fuq id-disponiment ħieles ta' l-attiv tal-kumpannija, kemm jekk dak l-attiv ikun sitwat f'Malta kemm f'xi pajjiż ieħor, fil-każ ta' kumpannija li l-uffiċċju prinċipali tagħha jkun f'Malta, jew, fil-każ ta' kumpannija li l-uffiċċju prinċipali tagħha jkun f'pajjiż barra minn Malta, il-projbizzjoni fuq id-disponiment ħieles ta' l-attiv tal-kumpannija sitwat f'Malta jew f'xi pajjiż ieħor barra minn Malta jekk dak l-attiv ikun relatat mal-kummerċ tal-kumpannija f'Malta	2
67(1) b'riferenza għal 42(1)	Mingħajr awtorizzazzjoni, volontarjament isir xoljiment u stralċ minn kumpannija li tmexxi kummerċ fit-tul u li l-uffiċċju prinċipali tagħha jkun f'Malta	2
67(1) b'riferenza għal 59(2)	Tikxef xi informazzjoni dwar l-affarijiet ta' xi kumpannija jew detentur ta' polza ta' kumpannija barra minn f'ċirkostanzi speċifiċi	1
67(1) b'riferenza għal 60(1)	Skambju ta' informazzjoni dwar poloz jew detenturi ta' polza bejn assiguraturi, intermedjarji u l-pulizija barra milli biex ikun evitat, identifikat jew imrażżna il-frodi fl-assigurazzjoni	1
67(2)(a)	Tikseb b'qerq xi awtorizzazzjoni taħt l-Att jew taħt xi regolamenti magħmulin bis-saħħa tiegħu	3
67(2)(b)	Xjentement tipparteċipa fi, jew tipprokura jew tgħin jew tħajjar il-ksur ta' xi disposizzjoni ta' l-Att jew ta' xi regolamenti magħmula bis-saħħa tiegħu jew ta' xi regola dwar l-assigurazzjoni	Il-livell ta' penali li jgħodd għar-reat prinċipali
67(2)(ċ)	Tfixkel lil xi persuna li tkun qegħda teżerċita d-drittijiet mogħtija bl-Att jew b' regolamenti magħmulin bis-saħħa tiegħu	2

L-Ewwel Kolonna	It-Tieni Kolonna	It-Tielet Kolonna
Artikolu	Reat	Livell ta' penali
67(2)(e)	Nuqqas minn direttur, kontrollur, uffiċjal jew impjegat ta' kumpannija li jassikura konformita` mill-kumpannija ma' kull disposizzjoni ta' l-Att jew ta' xi regolamenti magħmulin bis-saħħa tiegħu, jew ta' xi awtorizazzjoni jew permess maħruġ taħtu, jew ta' xi regola dwar l-assigurazzjoni; jew li jassikura l-korrettezza tad-dikjarazzjonijiet magħmulin jew informazzjoni mogħtija taħt xi waħda minn dawk id-disposizzjonijiet; jew ineħħi, jeqred, jaħbi jew bi fordi jbiddel xi dokument bil-ħsieb li ma jinkixifx l-għemil ta' xi reat taħt xi waħda minn dawk id-disposizzjonijiet.	2
Kull reat ieħor li jirriżulta taħt xi disposizzjoni ta' l-Att li mhux provdut speċifikament dwaru f'din l-Iskeda.		1

IR-RABA' SKEDA

(Regolament 4)

F'din l-Iskeda l-"Penalitajiet Amministrattivi" huma dawk magħmula taħt u għall-fini ta' l-artikolu 67(6) ta' l-Att.

Penalitajiet Amministrattivi

L-Ewwel Kolonna	It-Tieni Kolonna	It-Tielet Kolonna
Artikolu	Infrazzjoni	Livell tal-penali
6(3)(a)	Nuqqas minn *mutual association* li tħares jew tissodisfa l-ħtiġiet kif jistgħu jiġu stabbiliti minn regola dwar l-assigurazzjoni magħmula għall-fini ta' l-artikolu 6	2
7(6)	Nuqqas minn kumpannija li tħares xi kondizzjoni ta' l-awtorizzazzjoni	2
14(2)	Nuqqas minn kumpannija li żżomm marġini ta' solvibbilta' jew marġini ta' solvibbilta' ta' Malta jew marġini ta' solvibbilta' jew marġini ta' solvibbilta` ta' Malta fl-ammont meħtieġ	3
14(3)	Nuqqas minn kumpannija li tissottometti jew tibda tħaddem pjan li jkun aċċettabbli għall-Awtorita` għar-ristawr ta' qagħda finanzjarja b'saħħitha	2
15(1)	Nuqqas minn kumpannija li tavża għall-Awtorita` hekk kif xi marġini ta' solvibbilta' jinżel taħt l-ammont preskritt, jew li tagħmel tajjeb kull nuqqas f'kull marġini ta' solvibbilta' tal-kumpannija	3
15(2)(a)	Nuqqas minn kumpannija li tieqaf li tassumi riskji ġodda meta xi marġini ta' solvibbilta' tal-kumpannija jkun defiċjenti	3
16(1)	Nuqqas minn kumpannija li żżomm fond ta' garanzija jew fond ta' garanzija fl-ammont meħtieġ	3
16(4)	Meta jiġi trasferit, irtirat jew mgħobbi b'xi piż l-attiv ta' kumpannija meħtieġ li jinżamm f'Malta kemm jekk mingħajr il-permess ta` l-Awtorita` kemm bla ma jiġi ippruvat lill-Awtorita` li l-kumpannija ma fadlilhiex passiv ieħor	3
17(1)	Nuqqas minn kumpannija li kull sena tistabbilixxi u żżomm proviżjonijiet tekniċi adegwati dwar il-kummerċ tal-kumpannija skond regolamenti	3

L-Ewwel Kolonna Artikolu	It-Tieni Kolonna Infrazzjoni	It-Tielet Kolonna Livell tal-penali
	magħmulin għall-fini ta' l-artikolu 20	
17(2)	Nuqqas minn kumpannija li żżomm f'kull żmien attiv mingħajr piż li jkun daqs il-valur tal-proviżjonijiet tekniċi tal-kumpannija	3
17(3)	Nuqqas minn kumpannija li tiżgura li l-attiv tal-kumpannija li jkopri l-proviżjonijiet tekniċi jkun diversifikat u mqassam b'mod xieraq skond ir-regolamenti magħmulin għall-fini ta' l-artkolu 63	2
17(4)	Nuqqas minn kumpannija li tkopri f'kull żmien il-proviżjonijiet tekniċi tal-kumpannija b'attiv ekwivalenti u korrispondenti, jew li tirrestrinġi attiv li ma jkunx korrispondenti għall-ammont preskritt skond ir-regolamenti magħmula għall-fini ta' l-artikolu 63	2
17(6)	Nuqqas minn kumpannija li żżomm riżerva ta' ekwalizzazzjoni dwar il-klassijiet tal-kummerċ ġenerali preskritti bir-regolamenti magħmulin għall-fini ta' l-artikolu 17 jew li żżomm dik ir-riżerva ta' ekwalizzazzjoni skond dawk ir-regolamenti	3
18(1)	Nuqqas minn kumpannija li tiddepożita f'kustodja l-attiv tax-xorta jew ammont preskritt ma' persuna preskritta bir-regolamenti magħmula għall-fini ta' l-artikolu 18	3
19(2) jew (3)	Nuqqas minn kumpannija li tavża bil-miktub lill-Awtorita` li tkun bidlet is-sena finanzjarja tagħha	1
20(1)	Nuqqas minn kumpannija li tibgħat kull sena lill-Awtorita` kopja tad-dikjarazzjonijiet finanzjarji tal-kumpannija; jew li tibgħat dawk id-dikjarazzjonijiet matul perijodu speċifikat jew perijodu kif jista' jiġi awtorizzat mill-Awtorita`; jew li tibgħat kopja ta' dawk id-dikjarazzjonijet magħmula skond ir-regolamenti magħmulin għall-fini ta' l-artikolu 20; jew li tippubblika dawk id-dikjarazzjonijiet f'żewġ ġurnali ta' kuljum lokali; jew li tippubblika dawk id-dikjarazzjonijiet f'forma mqassra magħmula skond dawk ir-regolamenti; jew li tesponi dawk id-dikjarazzjonijiet matul perijodu speċifikat jew bil-mod provdut bl-artikolu 20	2

L-Ewwel Kolonna	It-Tieni Kolonna	It-Tielet Kolonna
Artikolu	Infrazzjoni	Livell tal-penali
20(1A)	Nuqqas minn kumpannija li tipprovdi kopja tad-dikjarazzjonijiet finanzjarji verifikati tagħha lil kull persona li tapplika għal din il-kopja	1
21(1)	Nuqqas minn kumpannija li taħtar uditur approvat	2
21(5)	Nuqqas minn uditur li javża lill-Awtorita` jekk huwa jirriżenja, ma jkunx bi ħsiebu li jerġa jikseb dik il-kariga jew jekk jikkwalifika r-rapport ta' verifika jew nuqqas li jispeċifika r-raġunijiet fil-każ ta'riżenja	1
21(6)	Nuqqas minn kumpannija li tavża lill-Awtorita` jekk tirċievi avviż ta' riżoluzzjoni biex tinħatar persuna bħala uditur li ma tkunx l-uditur li jkun ser jirtira jew biex ma jerġax jinħatar l-uditur li jkun ser jirtira	1
21(7)	Nuqqas minn kumpannija li tavża bil-miktub lill-Awtorita`, jew li tavża bil-miktub lill-Awtorita` matul perijodu speċifikat, ir-raġunijiet għaliex tkun ser ittemm il-ħatra ta' l-uditur tal-kumpannija	2
21(8)	Nuqqas minn kumpannija li tibdel l-uditur jekk ikun hekk meħtieġ mill-Awtorita'	2
22(1)	Nuqqas minn kumpannija li tmexxi kummerċ fit-tul li taħtar attwarju approvat	2
22(2)	Nuqqas minn kumpannija li tavża bil-miktub lill-Awtorita` matul perijodu speċifikat, bil-ħatra ta' attwarju, jew bi tmiem il-ħatra ta' attwarju, bħala attwarju tal-kumpannija	2
22(4)	Nuqqas minn attwarju li jagħti bil-miktub lill-Awtorita` r-raġunijiet għat-tmien tal-ħatra tiegħu bħala attwarju tal-kumpannija	1
23(1)	Nuqqas minn kumpannija li tmexxi kummerċ fit-tul li tieħu ħsieb ma' l-għeluq tas-sena finanzjarja li ssir investigazzjoni dwar il-qagħda finanzjarja tal-kumpannija mill-attwarju tal-kumpannija	3
23(1)	Nuqqas minn kumpannija li tmexxi kummerċ fit-tul li tieħu ħsieb li jsir astratt tar-rapport ta' l-attwarju ta' kull investigazzjoni; jew li dak l-astratt ikunu jistgħu jarawh id-detenturi ta' polza tal-kumpannija; jew li l-astratt ikun f'dik il-forma u jkollu dak il-kontenut hekk kif jista' jiġi stabbilit b'regola dwar l-	2

assigurazzjoni magħmula għall-fini ta' l-artikolu 23

L-Ewwel Kolonna	It-Tieni Kolonna	It-Tielet Kolonna
Artikolu	Infrazzjoni	Livell tal-penali
23(5)	Nuqqas minn kumpannija li tibgħat lill-Awtorita` kopja ta' kull rapport ta' l-attwarju, jew li tibgħat dak ir-rapport matul perijodu speċifikat	2
24	Nuqqas minn uditur jew attwarju li javża lill-Awtorita` dwar xi ħaġa, xi fatt jew deċizjoni kif provdut bl-artikolu 24	2
31A	Nuqqas ta' kumpannija li tħares jew xort'oħra tagħti effett għal xi direttiva imposta mill-Awtorita`	1
32(1)	Nuqqas minn kumpannija li tibgħat kull sena lill-Awtorita` dikjarazzjoni dwar il-kummerċ immexxi mill-kumpannija; jew li tibgħat dik id-dikjarazzjoni li jkollha l-forma, il-kontenut u li tkun tali skond ma' jista' jiġi stabbilit b'regola dwar l-assigurazzjoni maghmula ghall-fini ta' l-artikolu 32	2
32(2)	Nuqqas minn kumpannija li tivverifika d-dikjarazzjoni tal-kummerċ tal-kumpannija skond ma jista' jiġi stabbilit b'regola dwar l-assigurazzjoni magħmula għall-fini ta' l-artikolu 32	1
32(3)	Nuqqas minn kumpannija li tibgħat lill-Awtorita` b'dak il-mod li l-Awtorita` tista' tordna dik id-dikjarazzjoni tal-kummerċ fiż-żmien speċifikat u għal dak il-perjodu li tista' wkoll tordna	2
35(7)	Nuqqas minn kumpannija li tiddepożita għand l-Awtorita` żewġ kopji uffiċjali ta' l-approvazzjoni tat-Tribunal għat-trasferiment tal-kummerċ fit-tul, kollu kemm hu jew f'parti minnu, jew li tiddepożita dawk il-kopji fi żmien perjodu speċifikat	1
39(1)	Nuqqas minn kumpannija li tagħti avviż, jew li tagħti avviż f'perjodu speċifikat, lill-Awtorita` meta l-kumpannija jkun bi ħsiebha tieqaf, għal kollox jew f'parti, milli tmexxi l-kummerċ li hija awtorizzata tmexxi	1
40	Nuqqas minn kumpannija awtorizzata li tieqaf milli tmexxi l-kummerċ li kienet awtorizzata tmexxi, li twettaq u tmexxi kuntratti ta' assigurazzjoni ġodda fil-kummerċ li hija awtorizzata li tieqaf tmexxi	2
40	Nuqqas minn kumpannija awtorizzata li tieqaf milli	2

	tmexxi l-kummerċ li kienet awtorizzata tmexxi, li tagħmel *servicing* jew *run-off* ta' kuntratti ta' assigurazzjoni li jkunu twettqu u tmexxew minnha qabel id-data speċifikata tal-waqfien	

L-Ewwek Kolonna	It-Tieni Kolonna	It-Tielet Kolonna
Artikolu	Infrazzjoni	Livell tal-penali
43(1)	Nuqqas minn detentur ta' awtorizzazzjoni biex imexxi l-kummerċ ta' l-assigurazzjoni jew detentur ta' permess biex jagħmel *servicing* jew *run-off* ta' kummerċ ta' l-assigurazzjoni li jagħti avviż bil-miktub lill-Awtorita` b'kull tibdil materjali fid-dokumentazzjoni provduta, jew meħtieġa li tiġi provduta, bl-Att jew taħtu	1
43(2)(a)	Nuqqas minn kumpannija li l-uffiċċju prinċipali tagħha jkun f'Malta li tissottometti bil-miktub lill-Awtorita` għall-approvazzjoni ta` l-Awtorita` l-partikolaritajiet ta' kull żieda jew bidla proposta fil-memorandum jew fl-istatut ta' l-assoċjazzjoni tal-kumpannija jew f'xi dokument ieħor li jikkostitwixxi l-kumpannija	1
43(2)(b)	Nuqqas minn kumpannija li l-uffiċċju prinċipali tagħha jkun f'Malta li tgħarraf l-Awtorita` bl-ismijiet tal-persuni li jkollhom *holding* kwalifikattiv ta' azzjonijiet fil-kumpannija u l-perċentwali ta' dak il-holding fil-forma, mod u kontenut fiż-żmien stabbilit b'regola dwar l-assigurazzjoni magħmula għall-finijiet ta' l-artikolu 43	1
47(1)	Nuqqas minn kumpannija li toħroġ kuntratti ta' assigurazzjoni espressi f'lingwa li tista' tiġi determinata b'regola dwar l-assigurazzjoni magħmula għall-fini ta' l-artikolu 47	1
47(2)	Nuqqas minn kumpannija li toħroġ kuntratti ta' assigurazzjoni miktubin fil-lingwa Ingliża jekk ebda lingwa oħra ma tiġi stabbilita mill-Awtorita` jew ma ssir ebda regola dwar l-assigurazzjoni għall-fini ta' l-artikolu 47	1
48(1)	Ħruġ ta' reklami jew l-għemil ta' attivitajiet promozzjonali li b'mod ġenerali jqarrqu jew jingannaw lid-detenturi ta' polza u lill-pubbliku	1
48B	Nuqqas ta' kumpannija awtorizzata li tuża s-servizzi ta' intermedjarji ta' l-assigurazzjoni iskritti taħt l-Att dwar l-Intermedjarji fl-Assigurazzjoni jew rreġistrati ma awtorita` regolatorja li tissorvelja l-impriża	2

	Ewropea ta’ l-assigurazzjoni fi Stat Membru jew fi Stat ZZE

L-Ewwel Kolonna	It-Tieni Kolonna	It-Tielet Kolonna
Artikolu	Infrazzjoni	Livell tal-penali
67(2)(d)	Nuqqas minn persuna li twettaq xi direttiva jew ordni magħmulin jew mogħtijin taħt xi waħda mid-disposizzjonijiet ta’ l-Att jew ta’ xi regolamenti magħmulin bis-saħħa tiegħu; jew xi ħtieġa ta’, jew obbligu stabbilit b’xi waħda mid-disposizzjonijiet ta’ xi regola dwar l-assigurazzjoni magħmula għall-fini ta’ xi artikolu ta’ l-Att barra minn xi artikolu msemmi f’din l-Iskeda u fit-Tielet Skeda li tinsab ma’ dawn ir-regolamenti	1
Kull infrazzjoni oħra kontra xi disposizzjoni ta’ l-Att jew ta’ xi regolamenti magħmulin bis-saħħa tiegħu jew ta’ xi regola dwar l-assigurazzjoni li mhux provdut speċifikament dwarha f’din l-Iskeda.		1”.